

Brussell, 16 ta' Jannar 2025
(OR. en)

16905/24
PV CONS 67
AGRI 883
PECHE 526

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Agrikoltura u Sajd)
9 u 10 ta' Diċembru 2024

LAQGĦA TAT-TNEJN 9 TA' DIĊEMBRU 2024

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument 16385/24.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

(a) Lista mhux leġislattiva

16499/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

SAJD

Attivitajiet mhux leġislattivi

3. Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 u l-2026 għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 43(3) TFUE)

 16055/24

Qbil politiku

Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar ir-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 u l-2026 għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.

Dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

4. **Regolament tal-Kunsill dwar l-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2025**
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 43(3) TFUE)
Qbil politiku

 16057/24

Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar ir-Regolament dwar l-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2025.

AGRIKOLTURA

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

5. Politika Agrikola Komuni ffukata fuq il-bdiewa għal wara l-2027:
Segwitu għal-laqgħa tal-Kunsill tal-21 u t-22 ta' Ottubru 2024
Skambju ta' fehmiet

14797/24
+ **COR 1 (sv)**

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

6. **Regolament dwar qafas għall-monitoraġġ tal-foresti Ewropej reżiljenti**
Rapport ta' progress

 16255/24

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar il-progress li sar fl-eżami tal-proposta leġiżlattiva dwar qafas għall-monitoraġġ tal-foresti Ewropej reżiljenti.

Il-Kunsill ħa wkoll nota tal-kummenti li saru minn delegazzjonijiet dwar dan is-suġġett, kif ukoll tal-intervent mill-Kummissjoni.

7. Opportunitajiet futuri għall-bijoeconomija

 16244/24

Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar l-opportunitajiet futuri għall-bijoeconomija, il-kummenti tad-delegazzjonijiet u r-reazzjoni tal-Kummissjoni.

Il-Kunsill jerġa' lura għal din il-kwistjoni meta jkun xieraq.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza taħt affarijiet oħra dwar il-konklużjonijiet tal-Kunsill adottati mill-Kunsill Kompetittività fid-29 ta' Novembru dwar inizjattiva potenzjali ta' riċerka u innovazzjoni madwar l-Ewropa kollha dwar l-avvanz tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, is-sigurtà tas-sistemi tal-ikel u l-implimentazzjoni tal-bijoeconomija, filwaqt li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza taħt affarijiet oħra dwar ir-riżultati tal-Konferenza Sħubija għall-Futur: "BIOEAST u Lil Hinn" konferenza ta' livell għoli dwar il-prijoritajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant fil-kuntest tar-reżiljenza sostenibbli tal-ħamrija u tal-ilma ħelu, is-sigurtà tas-sistemi tal-ikel u l-politiki relatati mal-bijoeconomija.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-informazzjoni pprovduta mill-Finlandja taħt affarijiet oħra dwar l-iżblukkar tal-ostakli fir-riċiklaġġ tan-nutrijenti u l-produzzjoni tal-bijogass fil-livell tal-azjendi agrikoli.

Fl-aħħar nett, il-Kunsill ħa nota tal-kummenti tal-Kummissjoni u tad-delegazzjonijiet dwar daww il-punti taħt affarijiet oħra.

Affarijiet oħra

8. Agrikoltura

- a) **Konklużjonijiet adottati fid-29 ta' Novembru 2024** 16631/24
16181/24
mill-Kunsill Kompetittività dwar inizjattiva potenzjali tar-riċerka u l-innovazzjoni mal-Ewropa kollha dwar l-avvanz tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, is-sigurtà tas-sistemi tal-ikel u l-implimentazzjoni tal-bijoekonomija, filwaqt li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-punt 8(a) ġie indirizzat flimkien mal-punt 7.

- b) **Eżitu tal-konferenza ta' livell għoli "BIOEAST u Lil Hinn: Sħubija għall-Futur" dwar il-prijoritajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant fil-kuntest tar-reżiljenza sostenibbli tal-ħamrija u tal-ilma, is-sigurtà tas-sistemi tal-ikel u l-politiki relatati mal-bijoekonomija (Budapest, 4-6 ta' Diċembru 2024)** 16633/24
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-punt 8 (b) ġie indirizzat flimkien mal-punt 7.

- c) **L-iżblukkar tal-ostakli fir-riċiklaġġ tan-nutrijenti u l-produzzjoni tal-bijogass fil-livell tal-azjendi agrikoli** 16339/24
Informazzjoni mill-Finlandja, appoġġata miċ-Ċekja, l-Italja, il-Latvja u l-Litwanja

Il-punt 8 (c) ġie indirizzat flimkien mal-punt 7.

- d) **Konferenza dwar il-futur tas-settur tal-apikultura Ewropew (Brussell, 28 ta' Novembru 2024)** 16557/24
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar l-eżitu tal-konferenza dwar il-futur tas-settur tal-apikultura Ewropew.

Ħa nota wkoll tal-kummenti tad-delegazzjonijiet u tal-Kummissjoni.

- e) **Ftehim dwar Danimarka Ekoloġika: Mudell għal taxxa fuq il-gassijiet serra fuq il-produzzjoni agrikola u tnaqqis fil-lissija tan-nitroġenu biex tittejjeb il-protezzjoni tan-natura, il-bijodiversità u r-riżorsi tal-ilma**
Informazzjoni mid-Danimarka

 16558/1/24 REV 1

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-Danimarka.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet tal-Kummissjoni u tad-delegazzjonijiet.

- f) **L-eliġibbiltà tan-nefqa relatata max-xiri ta' annimali għat-tnissil fi ħdan il-pjan strateġiku tal-PAK**
Informazzjoni mir-Rumanija

 16622/24

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mir-Rumanija.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet tal-Kummissjoni u tad-delegazzjonijiet.

AGRIKOLTURA

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

- 9. Regolament dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti** **1****C** 16180/24 + COR 1
Rapport ta' progress

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar il-progress li sar fl-eżami tal-proposti leġiżlattivi dwar il-materjal riproduttiv tal-pjanti u dwar il-materjal riproduttiv tal-foresti. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet u mill-Kummissjoni.

- 10. Regolamenti dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti** **1****C** 16068/24 + COR 1
Rapport ta' progress

Il-punt 10 ġie indirizzat flimkien mal-punt 9.

- 11. Regolament dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati** **1****C** 16056/24
Rapport ta' progress

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar il-progress li sar fl-eżami tal-proposti leġiżlattivi dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet u mill-Kummissjoni.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. (kontinwazzjoni) Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 u l-2026 għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 43(3) TFUE) *Qbil politiku*  16055/24

Ara l-paġna 2.

4. (kontinwazzjoni) Regolament tal-Kunsill dwar l-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2025 (Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 43(3) TFUE) *Qbil politiku*  16057/24

Ara l-paġna 3.

Affarijiet oħra

12. Agrikoltura

- a) **Proposti leġiżlattivi attwali**
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

Regolament dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom: sitwazzjoni attwali  16254/24
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali tal-eżami tal-proposta dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda (NGT) u l-ikel u l-għalf tagħhom. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-interventi li saru mid-delegazzjonijiet u mill-Kummissjoni.

b) Ħidma fil-qasam veterinarju taħt il-Presidenza Ungeriża
Informazzjoni mill-Presidenza

 16265/24

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Presidenza dwar il-ħidma fil-qasam veterinarju taħt il-Presidenza Ungeriża. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-interventi li saru minn delegazzjonijiet oħra u mill-Kummissjoni.

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Italja u l-Ġermanja dwar il-mard tal-annimali, id-deni tal-ħnieżer Afrikan u l-marda tal-ilsien blu. Il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Greċja, Franza, Ċipru, il-Litwanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja esprimew bil-fomm l-appoġġ tagħhom għal din l-inizjattiva. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-intervent[...] li sar minn delegazzjonijiet oħra u mill-Kummissjoni.

c) Mard tal-annimali (Deni tal-Ħnieżer Afrikan u Marda tal-ilsien blu)
Informazzjoni mill-Ġermanja u mill-Italja, appoġġata miċ-Ċekja u minn Franza

 16561/24

Il-punt 12 (c) ġie indirizzat flimkien mal-punt 12 (b).

d) Terminoloġija armonizzata ta' "kontroll bijoloġiku" fil-protezzjoni tal-pjanti u/jew approċċi simili oħra
Informazzjoni mid-Danimarka u mill-Ġermanja, appoġġati mill-Bulgarija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Finlandja, in-Netherlands, il-Portugall u l-Iżvezja

 16468/24

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Ġermanja u d-Danimarka dwar il-ħtieġa għal terminoloġija armonizzata ta' "kontroll bijoloġiku" fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u/jew approċċi simili oħra. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-interventi li saru minn delegazzjonijiet oħra u mill-Kummissjoni.

- e) **Il-ħtieġa li tiġi stabbilita leġiżlazzjoni xierqa għall-użu tad-droni biex jikkontribwixxu għar-reżiljenza tas-sistemi agrikoli**  16521/24

Informazzjoni mill-Portugall, appoġġat mill-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, Spanja u l-Iżvezja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Portugall dwar il-ħtieġa li tiġi stabbilita leġiżlazzjoni xierqa għall-użu tad-droni biex jikkontribwixxu għar-reżiljenza tas-sistemi agrikoli. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-interventi li saru minn delegazzjonijiet oħra u mill-Kummissjoni.

- f) **Il-potenzjal tal-bijoteknoloġija fis-settur agroalimentari**  16506/24

Informazzjoni mid-Danimarka u minn Spanja, appoġġati miċ-Ċekja, l-Estonja, il-Finlandja, in-Netherlands, il-Portugall u l-Iżvezja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mid-Danimarka u Spanja dwar il-potenzjal tal-bijoteknoloġija fis-settur agroalimentari. Il-Belġju, Ċipru, l-Irlanda, Franza u l-Greċja esprimew bil-fomm l-appoġġ tagħhom għal din l-inizjattiva. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-interventi li saru minn delegazzjonijiet oħra u mill-Kummissjoni.

- g) **Reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali**  16562/24

Informazzjoni mill-Iżvezja, appoġġata mill-Awstrija, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja u s-Slovenja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Iżvezja dwar ir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-interventi li saru minn delegazzjonijiet oħra u mill-Kummissjoni.

h) L-introduzzjoni ta' "operatur ta' negozju tal-ikel tal-karità" skont il-liġi Ewropea dwar l-ikel

 16512/24

Informazzjoni mill-Ġermanja, appoġġata minn Ċipru, id-Danimarka, il-Latvja, il-Lussemburgu u Spanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Ġermanja dwar l-introduzzjoni tal-kunċett ta' "operatur ta' negozju tal-ikel tal-karità" fil-liġi Ewropea dwar l-ikel. Il-Polonja, il-Portugall u s-Slovakkja esprimew bil-fomm l-appoġġ tagħhom għal din l-inizjattiva. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-interventi li saru minn delegazzjonijiet oħra u mill-Kummissjoni.



L-ewwel qari



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni



Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

Dikjarazzjonijiet għall-punti "B"

Dwar il-punt "B"
nru 3:

Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 u l-2026 għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 43(3) TFUE)

Qbil politiku

DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU, ID-DANIMARKA, FRANZA, IL-ĠERMANJA, L-IRLANDA, IN-NETHERLANDS, SPANJA, IL-PORTUGALL U L-IŻVEZJA dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(9) fir-Regolament Bażiku għal COD/03AS; RNG/03-; BLI/24-; COD/07A.; COD/7XAD34; HER/7G-K.; JAX/4BC7D; POL/07.; POL/56-14; SBR/678-; WHG/07A. u BLI/03A- fl-2025

"Peress li l-bijomassa tal-istokkijiet ta' COD/03AS; RNG/03-; BLI/24-; COD/07A.; COD/7XAD34; HER/7G-K.; JAX/4BC7D; POL/07.; POL/56-14; SBR/678-; WHG/07A. u BLI/03A- hija inqas mill-Blim, jew il-punti ta' referenza tal-bijomassa mhumix magħrufa u l-parir huwa li ma jsir l-ebda qbid, u peress li fl-2025 ser ikunu permessi biss il-qabdiet aċċessorji u s-sajd xjentifiku, sabiex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokkijiet f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2018/973 u (UE) 2019/472, il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, in-Netherlands, Spanja, il-Portugall u l-Iżvezja jintrabtu li ma jużawx il-flessibbiltà interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dawn l-istokkijiet fl-2025. Dan l-impenn huwa reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali għal dawn l-istokkijiet."

DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU, ID-DANIMARKA, FRANZA, IL-ĠERMANJA, L-IRLANDA, IN-NETHERLANDS U L-IŻVEZJA dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(9) fir-Regolament PKS għal COD/2A3AX4; COD/03AN; COD/07D.; COD/5BE6A u WHG/03A. fl-2025

"Fit-2 ta' Diċembru 2024, l-UE, ir-Renju Unit u n-Norveġja qablu dwar opportunitajiet tas-sajd għas-sitt stokkijiet kondiviżi u ġestiti b'mod konġunt għall-2025. Barra minn hekk, fil-5 ta' Diċembru l-UE u n-Norveġja qablu dwar opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet fi Skagerrak-Kattegat għall-2025. Peress li l-bijomassa tal-istokkijiet ta' COD/2A3AX4; COD/03AN; COD/07D. u COD/5BE6A. huwa stmat li huwa inqas minn Bpa kemm fis-sena tat-TAC kif ukoll fis-sena ta' wara, u minħabba li l-punti ta' referenza tal-bijomassa mhumix magħrufa għall-istokk WHG/03A., il-Partijiet eskcludew skont dawk il-ftehimiet il-flessibbiltà interannwali għal dawk l-istokkijiet fl-2025. F'konformità ma' dak il-ftehim, il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iżvezja jintrabtu li ma jużawx il-flessibbiltà interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dawk l-istokkijiet fl-2025."

DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI dwar il-bakkaljaw fil-Kattegat

"Il-Kunsill stabbilixxa t-TAC tal-qabdiet aċċessorji għall-bakkaljaw fil-Kattegat (is-subdiviżjoni 21 tal-ICES) għall-2025 u l-2026 fil-livell tal-qabdiet reċenti u żamm il-miżuri ta' rimedju għal dawk is-snin. Hemm bżonn li titnaqqas il-mortalità mis-sajd meta mqabbla mal-livelli reċenti għal dak l-istokk, li għalih l-ICES jagħti parir għal waqfien mis-sajd għall-2025 u l-2026. Il-Kummissjoni tieħu nota tad-dikjarazzjoni li saret mid-Danimarka li tiddikjara li t-TAC tal-qabdiet aċċessorji ma tirriflettix il-livell reċenti tagħha tal-qabdiet (jiġifieri l-ħatt l-art u l-qbid skartat). Jekk id-Danimarka tippreżenta data speċifika, affidabbli u verifikabbli f'dak ir-rigward, il-Kummissjoni se titlob lill-STEFC jivvaluta dik id-data u, abbażi ta' dik il-valutazzjoni, tqis li tippreżenta proposta biex jiġu emendati l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 u l-2026 għal dak l-istokk."

DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI dwar l-informazzjoni xjentifika għall-iskampu fil-Golf tal-Biskalja

"Fir-rigward tal-parir xjentifiku għall-iskampu fil-Golf tal-Biskalja (id-diviżjonijiet 8abde tal-ICES), il-Kummissjoni se titlob lill-ICES iqis li jittejbu l-valutazzjoni sottostanti tal-istokk u l-preżentazzjoni ta' dak il-parir. Titjib bħal dan se jintalab fir-rigward ta': (i) l-aġġornamenti għall-punti ta' referenza; (ii) il-kunsiderazzjoni tad-data addizzjonali fil-valutazzjoni, inkluża d-data tal-VMS (Vessel Monitoring System); u (iii) it-titjib dwar kif l-informazzjoni tiġi ppreżentata fit-tabella dwar l-għażliet tal-qabdiet.

Sabiex tittejjeb it-trasparenza, is-servizzi tal-Kummissjoni se jesploraw kif jistgħu jipprovdu informazzjoni addizzjonali lill-Istati Membri rigward il-kalkoli tat-tnaqqis tal-eżenzjonijiet mill-obbligi tal-ħatt l-art."

DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI dwar il-pollakkju fl-ilmijiet Iberiċi tal-Atlantiku u l-iskampu fil-Golf ta' Cadiz

"Il-Kummissjoni hija mħassba dwar il-ftehim politiku li ntlaħaq mill-Kunsill dwar il-kwantità addizzjonali għall-Portugall tal-pollakkju fl-ilmijiet Iberiċi tal-Atlantiku (is-subżoni 9 u 10 tal-ICES u d-diviżjoni CECAF 34.1.1) għall-2025 u dwar il-limitu tal-qbid għall-iskampu fil-Golf ta' Cadiz (is-subżona 9 tal-ICES, FU 30) għall-2025, li t-tnejn li huma ġew stabbiliti fl-livelli ogħla mill-parir xjentifiku u, fil-każ tal-kwantità addizzjonali għall-Portugall tal-pollakkju, anke ogħla mil-livell tal-qabdiet aċċessorji inevitabbli stabbiliti mill-STEFC."

DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI U L-PORTUGALL dwar il-paġella l-ħamra fl-ilmijiet tal-Azores

"Il-Kummissjoni tirringrazzja lill-Portugall u lir-Reġjun Awtonomu tal-Azores għall-isforzi li saru biex jittejjeb il-ġbir tad-data għall-paġella ħamra fl-Azores (is-subżona 10 tal-ICES), inkluż l-istħarriġ tal-konz tal-qiegħ tagħha. B'riżultat ta' dan, il-kwalità tal-parir xjentifiku tgiebet, u għall-ewwel darba l-ICES jipprovdi parir dwar l-MSY. Iż-Żona Marina Protetta li ġiet adottata dan l-aħħar fl-ilmijiet tal-Azores ser tkompli tikkontribwixxi għall-konservazzjoni tal-paġella ħamra, tas-sajjieda u tal-komunitajiet lokali li jiddependu minnha. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni se titlob minnufih lill-ICES biex jaġġorna l-valutazzjoni tiegħu għall-2025 għal dak l-istokk abbażi tal-informazzjoni xjentifika l-ġdida ppreżentata mill-Portugall. Ladarba l-ICES ikun wieġeb għal dik it-talba, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li tippreżenta proposta għall-istabbiliment ta' TAC definittiva għall-2025 f'konformità mal-parir tal-ICES, li tissostitwixxi t-TAC proviżorja stabbilita mill-Kunsill għall-ewwel nofs tal-2025. Il-Kummissjoni tfakkar li l-livell tat-TAC proviżorja huwa mingħajr preġudizzju għal-livell tat-TAC definittiv."

DIKJARAZZJONI MINN SPANJA U L-PORTUGALL dwar koeffiċjenti ta' allokazżjoni ġodda għall-inċova u l-paġella ħamra

"Wara l-istabbiliment ta' opportunitajiet tas-sajd ġodda għall-inċova fl-Ilmijiet Iberiċi tal-Atlantiku, Spanja u l-Portugall jaqblu li l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu attribwiti skont il-koeffiċjent tal-allokazżjoni li ġej:

Fil-Komponent tal-Punent: Il-Portugall: 90 %; Spanja: 10 %

Fil-Komponent tan-Nofsinhar: Il-Portugall: 3 %; Spanja: 97 %.

Wara l-istabbiliment ta' opportunitajiet tas-sajd ġodda għall-paġella ħamra fl-Ilmijiet Iberiċi tal-Atlantiku (is-subżona 9 tal-ICES, fit-Tramuntana ta' 36°10'00"N.), Spanja u l-Portugall jaqblu li l-opportunitajiet tas-sajd jenħtieġ li jiġu attribwiti skont il-koeffiċjent tal-allokazżjoni li ġej:

Il-Portugall: 85.0 %; Spanja: 15.0 %."

DIKJARAZZJONI MID-DANIMARKA, L-ESTONJA, IL-POLONJA, L-IŻVEZJA, IL-ĠERMANJA, IL-FINLANDJA, IL-LITWANJA, IL-LATVJA, IN-NETHERLANDS U SPANJA dwar il-pjanijiet pluriennali

"Id-Danimarka, l-Estonja, il-Polonja, l-Iżvezja, il-Ġermanja, il-Finlandja, il-Litwanja, il-Latvja, in-Netherlands u Spanja jħeġġu lill-Kummissjoni biex tippreżenta malajr proposta għal emenda tal-pjanijiet pluriennali għall-Baħar Baltiku, għall-Baħar tat-Tramuntana u għall-Ilmijiet tal-Punent dwar l-Artikoli 4(6) / 4(7) biex ttiprovdi ċarezza u koerenza legali bejn l-Artikoli rilevanti tal-MAPs. Il-proposta għandha tkun akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt tal-problemi mqajma fl-applikazzjoni Prattika, il-kriterji u t-termini ta' applikazzjoni tagħhom u tqis kif xieraq l-għanijiet kollha tal-Politika Komuni tas-Sajd inkluż l-approċċ prekawżjonarju. Id-Danimarka, l-Estonja, il-Polonja, l-Iżvezja, il-Ġermanja, il-Finlandja, il-Litwanja, il-Latvja, in-Netherlands u Spanja ser ikunu ddedikati għall-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet u ser jikkooperaw b'mod kostruttiv mal-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew sabiex tinstab soluzzjoni bbilanċjata għall-kwistjonijiet identifikati."

DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU, ID-DANIMARKA, FRANZA, IN-NETHERLANDS U L-ĠERMANJA dwar il-Preferenzi ta' The Hague

"Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, in-Netherlands u Franza huma tal-fehma li l-iskali għall-allokazżjoni ta' kwoti għall-Istati Membri kien intlaħaq qbil dwarhom fl-1983. Dawn l-iskali jikkostitwixxu l-bażi ta' stabbiltà relattiva, li hija prinċipju stabbilit mir-Regolament Bażiku li jirregola l-Politika Komuni tas-Sajd. Aħna tal-fehma li l-preferenzi ta' The Hague jmorru kontra l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva."

DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI dwar l-ispnotta tan-Nofsinhar fil-Golf tal-Biskalja (8ab)

"Għall-istokk tal-ispnotta fil-Golf tal-Biskalja (iż-żona 8ab tal-ICES) li l-bijomassa tiegħu ilha sa mill-2023 taħt l-MSY Btrigger, il-Kummissjoni tistieden lil Franza u lil Spanja jadottaw miżuri tekniċi biex jissalvagwardjaw l-istokk u jibnu mill-ġdid il-bijomassa tiegħu inkluża ż-żieda tad-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għal 42 cm fis-sajd kummerċjali."

DIKJARAZZJONI MID-Danimarka, il-Ġermanja, Spanja, Franza, in-Netherlands, l-Irlanda, il-Portugall, l-Iżvezja u l-Litwanja dwar l-iskambji tal-kwoti wara l-konsultazzjonijiet UE-NO

"Minħabba l-isforzi kollettivi tal-Istati Membri, kien possibbli li jiżdied l-ammont ta' stokkafixx fl-iskambju tal-kwoti man-Norveġja. Ammont sinifikanti ta' kwota minn Spanja u l-Portugall qed jiġi ttrasferit lejn id-Danimarka, in-Netherlands, l-Irlanda u l-Litwanja fl-2024. Sabiex titqies l-istabbiltà relattiva, il-kwantitajiet li ġejjin ta' Stokkafixx (WHB/1X14), għall-2025, jiżdiedu jew jittieħdu mis-sehem ta' stabbiltà relattiva tagħhom tad-Danimarka, tal-Ġermanja, ta' Spanja, ta' Franza, tan-Netherlands, tal-Irlanda, tal-Portugall, tal-Iżvezja u tal-Litwanja:

DK	-6.066
DE	1.666
ES	3.632
FR	2.981
NL	-701
IE	-821
PT	337
SE	1.060
LT	-2.087

L-Istati Membri ser jagħmlu hilitom biex jagħmlu t-trasferimenti adatti tal-istokkafixx disponibbli malajr kemm jista' jkun fl-2025."

DIKJARAZZJONI MILL-IŻVEZJA dwar miżuri ta' rimedju għall-Bakkaljaw fiż-żona 3a - Kattegat u Skagerrak

"L-Iżvezja tappoġġa miżuri ta' rimedju sabiex tkompli titnaqqas il-mortalità mis-sajd għall-bakkaljaw fil-Kattegat u Skagerrak - b'mod partikolari l-promozzjoni ta' rkapti selettivi meta tali rkapti jkunu disponibbli. Għalhekk, l-Iżvezja kienet tippreferi li l-livell tat-TAC għall-iskampu jkun akkumpanjat minn miżuri intrinsikament marbuta bħall-introduzzjoni ta' rkapti selettivi ħafna obbligatorji. L-Iżvezja tilqa' proposti mill-Kummissjoni f'dan ir-rigward."

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA, SPANJA, FRANZA, IL-POLONJA U L-PORTUGALL dwar il-bakkaljaw Artiku fiż-Żona Ekonomika Esklużiva Norveġiża

"Il-Ġermanja, Spanja, Franza, il-Polonja u l-Portugall jirringrazzjaw lill-Kummissjoni għall-fehim politiku bejn l-UE u n-Norveġja dwar is-sajd fiż-żoni 1 u 2 tal-ICES u l-iskambji ta' ittri tat-8 u l-11 ta' Novembru 2024, u jilqgħu l-fatt li dan jinkludi l-kwota sħiħa tal-UE għall-bakkaljaw fl-ilmijiet ta' Svalbard li tikkorrispondi għad-drittijiet storiċi tal-UE u s-sehem tal-UE għal dan l-istokk. Madankollu, huma jfakkru li fl-2021, minħabba l-waqfiet tas-sajd maħruġa min-Norveġja, total ta' 5 143 tonnelli tal-kwota tal-UE tal-iskambji bilaterali għall-bakkaljaw ma setax isir sajd għalih fiż-Żona Ekonomika Esklużiva Norveġiża. L-Istati Membri jesprimu d-diżappunt tagħhom li n-Norveġja għadha ma għamlitx dik il-kwantità disponibbli għall-UE fl-iskambji bilaterali. Din il-kwistjoni jeħtieġ tiġi solvuta malajr kemm jista' jkun.

Il-Ġermanja, Spanja, Franza, il-Polonja u l-Portugall japprezzaw li l-Kummissjoni tinsab lesta tkompli d-djalogu politiku ta' livell għoli man-Norveġja dwar il-kwistjoni imsemmija hawn fuq, kif ukoll dwar kwistjonijiet oħra ta' sajd miftuħ."

DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI dwar il-lingwata komuni fl-Iskagerrak-Kattegat u fil-Punent tal-Baħar Baltiku

"Il-Kummissjoni hija mħassba dwar il-ftehim politiku li ntlaħaq mill-Kunsill dwar l-opportunitajiet tas-sajd għal-lingwata komuni fl-Iskagerrak-Kattegat u fil-Baħar Baltiku tal-Punent (id-diviżjoni 3a tal-ICES u s-subdiviżjonijiet 22-24 tal-ICES) għall-2025. Il-Kummissjoni tqis li, peress li l-probabbiltà li l-bijomassa ta' dak l-istokk li taqa' taħt il-Blim fl-2026 hija aktar minn 5 % u li l-lingwata komuni qed tinqabad ukoll f'sajd imħallat immirat għall-iskampu, is-sajd immirat għal dak l-istokk kellu jiġi sospiż."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MID-DANIMARKA, L-IŻVEZJA, IN-NETHERLANDS, IL- ĠERMANJA, FRANZA, IL-POLONJA U L-PORTUGALL dwar l-aringa Atlantus-Skandjana

"Id-Danimarka, l-Iżvezja, in-Netherlands, il-Ġermanja, Franza, il-Polonja u l-Portugall ifakkru li fl-2007 fil-ftehim ta' kondiviżjoni għall-aringa Atlantus-Skandjana l-UE naqqset is-sehem tagħha minn 8.38 fil-mija għal 6.51 fil-mija għall-vantaġġ tan-Norveġja dment li jiġi pprovdut aċċess għall-ilmijiet Norveġiżi. L-Istati Membri msemminja hawn fuq innutaw li l-ebda aċċess bħal dan ma kien għadu ġie miftiehem."

DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU, FRANZA, L-IRLANDA U N-NETHERLANDS dwar impenn pożittiv dwar skambji ta' kwoti għall-istokkijiet ta' qabdiet aċċessorji fiż-Żona 7d

"Il-Belġju, Franza, l-Irlanda u n-Netherlands ser jiffaċilitaw, sa fejn ikun possibbli, l-iskambji ta' kwoti fl-2025 skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward tal-istokkijiet rilevanti ta' qabdiet aċċessorji biex l-Irlanda tkun tista' tistad is-sehem ta' stabbiltà relattiva tagħha tal-Merlangu fiż-Żona 7d."

DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI dwar l-ispnotta tan-Nofsinhar fil-Golf tal-Biskalja (8ab)

"Għall-istokk tal-ispnotta fil-Golf tal-Biskalja (iż-żona 8ab tal-ICES) li l-bijomassa tiegħu ilha sa mill-2023 taħt l-MSY Btrigger, il-Kummissjoni tistieden lil Franza u lil Spanja jadottaw miżuri tekniċi biex jissalvagwardjaw l-istokk u jibnu mill-ġdid il-bijomassa tiegħu inkluża ż-żieda tad-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għal 42 cm fis-sajd kummerċjali."

DIKJARAZZJONI MID-DANIMARKA dwar il-Prijorità Eċċezzjonali Daniża tal-Kavalli

"Fl-1983, il-Kunsill ta lid-Danimarka l-Prijorità Eċċezzjonali tal-Kavalli bi skambju għar-rinunzja tad-Danimarka għall-opportunitajiet tas-sajd fl-Ilmijiet tal-Punent. Sussegwentement, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tagħha, il-Prijorità Eċċezzjonali tal-Kavalli ġiet attivata fl-1997, fl-2005, fl-2006, fl-2007, u fl-2008.

F'Diċembru 2023, ġiet deċiża riallokazzjoni fir-rigward ta' MAC/2A4A-N fil-Kunsill. Dan irriżulta fir-riallokazzjoni ta' sehem sinifikanti mill-kwota storika Daniża tal-kavalli tal-Baħar tat-Tramuntana għall-Ilmijiet tal-Punent.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, id-Danimarka jiddispjaċiha ħafna li l-eżitu tal-laqgħa tal-Kunsill ta' Diċembru 2024 ma rrispettax il-Prijorità Eċċezzjonali Daniża tal-Kavalli. Dan għandu konsegwenzi serji għas-sajd Daniż u għas-settur tas-sajd. In-nuqqas ta' rispett għall-Prijorità Eċċezzjonali tal-Kavalli jaffettwa l-affidabbiltà tal-ftehimiet simili kollha fil-Kunsill għad-detriment tal-Istati Membri kollha.

Il-Prijorità Eċċezzjonali Daniża tal-Kavalli għandha tiġi rrispettata fl-istabbiliment tal-opportunitajiet tas-sajd għall-kavalli fis-snin li ġejjin."

DIKJARAZZJONI MINN FRANZA, IL-PORTUGALL U SPANJA DWAR IN-NAFO COD 2J3KL

"Sabiex jittieħed kont, il-ħtieġa urġenti li jerġa' jinfetħ is-sajd għall-bakkaljaw 2J3KL Franza, il-Portugall u Spanja jieħdu nota tal-koeffiċjent tal-allokazzjoni maqbul għall-bakkaljaw 2J3KL applikabbli mill-1 ta' Jannar 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025 wara l-ftuħ mill-ġdid tat-TAC fis-sessjoni annwali tan-NAFO tal-2024. Madankollu, fid-dawl tal-fehmiet differenti tal-Istati Membri rigward id-determinazzjoni tad-distribuzzjoni tal-kwota bejn l-Istati Membri, Franza, il-Portugall u Spanja jixtiequ jiżguraw li dan ma joħloqx preċedent f'termini ta' stabbiltà relattiva u li l-koeffiċjent tad-distribuzzjoni għandu jiġi eżaminat mill-ġdid għal perjodi ta' ġestjoni futuri."